V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8624 — Michael Kors/Jimmy Choo)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 315/04)

1. Fil-15 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża Michael Kors Holdings Limited (il-Gżejjer Verġni Brittanniċi) takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Għaqdiet il-kontroll tat-totalità tal-impriża Jimmy Choo PLC (ir-Renju Unit), permezz ta' offerta pubblika mħabbra fil-25 ta' Lulju 2017.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għall-impriża Michael Kors Holding Limited: it-tfassil, l-iżvilupp, id-distribuzzjoni, il-bejgħ bl-ingrossa, il-bejgħ bl-imnut u l-liċenzjar ta' aċċessorji ta' lussu tad-ditta, xedd is-saqajn u lbies

— għall-impriża Jimmy Choo PLC: it-tfassil, l-iżvilupp, id-distribuzzjoni, il-bejgħ bl-ingrossa, il-bejgħ bl-imnut u l-liċenzjar ta' aċċessorji ta' lussu tad-ditta, xedd is-saqajn u lbies

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301), jew bil-posta elettronika lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bir-referenza M.8624 — Michael Kors/Jimmy Choo, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.